**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCALCOUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt Tel: 21585888

9 Leġiżlatura

Minuti Numru 45

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar**

Lill-membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għall-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 45, li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tlieta 24 ta' Mejju 2022, fil-5:30pm. Din il-laqgħa tista tiġi segwita permezz ta' metodu onlajn skont l-Artiklu 1 ta' Direttiva 7/2020 u Artiklu 2.3 ta' Ċirkolari 9/2020 maħruġa mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fil-15 ta' Diċembru 2020.

Din il-laqgħa ser tixxandar live fuq l-internet u hi miftuħa għall-pubbliku.

Elke Sghendo — 24 ta' Mejju, 2022
Deputat Aġent Segretarju Ezekuttiv

---

Membri Preżenti:

- Alfred Grima — Sindku
- Mario Joseph Salerno — Kunsillier
- Alfred Bray — Kunsillier
- Anne Marie Fenech — Kunsillier
- Daryl Connor — Kunsillier
- Anthony Delia — Kunsillier
- Anthony Angelo Attard — Kunsillier
- Antoinette Bezzina — Kunsillier
- Christopher Vella Petroni — Kunsillier
- Mary Borg — Kunsillier

Online

- Carlos Zarb — Viċi Sindku
- Stephen Cremona — Kunsillier

Skużati

- Paul Bugeja — Kunsillier

Il-laqgħa nfetħet mis-Sindku Alfred Grima fil-17.30.

**45.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**
Il-Kunsill irċieva notifika ta' apoloġija mingħand il-Kunsillier Paul Bugeja

**45.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numru (44)**
Il-Kunsill qabel mal-proposta tal-Viċi Sindku biex il-minuti jkunu emendati kif ġej:
Paġna 7 item 44.7 : Jiżdied "fuq suġġeriment tal-Community Police" qabel il-kelma "is-Sindku.
Il-Kunsill approva l-minuti tal-laqgħa 44 hekk kif ġew ikkoreġuti.

**45.3 Punti mill-Minuti**

- **45.3.1 Proposta nstallazzjoni ta' CCTV mal-iskola tal-Qawra**
  Id-diriġenti ta' l-iskola tal-Qawra bagħtu risposta pożittiva b'xi kundizzjonijiet biex tiġi nstallata CCTV ma l-iskola bħala mezz ta' sigurta kontra l-vandaliżmu.

- **45.3.2 Rapport ingaġġ ta' skrivani skala 15 notch 3**
  L-uniku persuna (CF) li kienet eleġibli rriżenja mill-kariga wara ftit siegħat ta' xogħol u 3 t'ijiem sick leave. Dan għalkemm ingħata sapport mill-Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv.

- **45.3.3 Tender Non-Urban Grass Cutting**
  Permezz ta' email datata 24 ta' Mejju 2022, id-Direttur tal-Kunsilli Lokali ma oġġezzjonax li l-proċess tat-tender jingħalaq manwalment diment li dan iseħħ taħt il-gwida tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

- **45.3.4 Tender for Pavement and ancillary works (Status: Awarded) SPB T/02/2021**
  Il-Kunsill għadu jjistenna risposta mingħand il-kuntrattur b'detriment għall-programm ta' xogħolijiet ta' bankini u proġetti.

**<u>45.4 Komunikazzjoni mis-Sindku</u>**

- **Festa Wardija**
  GħaIl-Festa Madonna ta' l-Abbandunati li se tinżamm fil-Wardija nhar it-12 ta' Ġunju 2022, saret rikjesta biex il-kunsill jipprovdi mobile toilets bejn l-10 u t-12 ta' Ġunju 2022.
  Il-Kunsill approva nem.con.

- **Festa Burmarrad – Mobile toilets**
  Il-kummissjoni Festa Burmarrad ressqet iż-żewġ rikjesti segwenti;

1. Biex il-Kunsill jipprovdi servizz ta' 2 mobile toilets għal żmien il-festa.
2. Biex jiddaħħlu fl-iskema li timminiżża l-popolazzjoni tal-ħamiem minħabba li qed tikkawża ħsara fuq il-faċċata tal-knisja.

Il-Kunsill approva iż-żewġ rikjesti nem.con.

- **Monument iddedikat lis-sajjieda Pawlin**
  Il-Kunsill irċieva risposta favorevoli għall-proposta tiegħu li l-monument iddedikat lis-sajjieda Pawlin jitqiegħed fuq is-saqaf tal-klabb tas-Sajjieda fi Triq Dawret il-Gżejjer. Is-Sindku u l-Kunsillier responsabbli mis-sajd se jkunu qed jiltaqaw mal-membri tal-kumitat fil-jiem li ġejjien. Issemma, li min qed jagħmel ix-xogħol ta' restawr tal-luzzu ssuġġerixxa li l-monument ikollu xi tip ta' shading li jgħin minħabba l-elementi.

- **Każ G.Kimber vs Kunsill Lokali SPB u Hotel San Antonio**
  Il-Qorti kkonfermat li l-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar u l-lukanda DB San Antonio huma responsabbli in solidum għal inċident li seħħ fis-sena 2001 fejn fiħ G.Kimber kien sofra danni. Total ta' danni li sofra l-Kunsill jammonta għal €10,367.61.

  Kien hemm qbil li jittieħed parir mingħand l-avukat tal-Kunsill, biex jiġi stabbilit jekk is-sidien tal-lukanda DB San Antonio għandhomx jintalbu jagħmlu tajjeb għad-danni sofruti mill-Kunsill konsegwenza ta' xogħolijiet li kienu qed isiru minhom.

- **Rikjesta minm Cleansing & Maintence Division – Kamra Triq Markiża Buġeja**
  Il-Cleansing & Maintence Division ressqu rikjesta mal-Kunsill biex possibilment jagħmlu użu minn parti mill-latrina pubblika ta' Triq il-Markiża Buġeja li fil-preżent ma hijiex tintuża. Dan biex ipoġġu l-għodda.

  Il-Kunsill approva bil-kundizzjoni li l-kamra tibqa' propjeta' tal-Kunsill u li din tgħaddi lura għand l-istess Kunsill wara li jingħata avviżż bil-kitba ta' ġimgħa bil-quddiem.

- **Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv**
  Il-Kunsill ġie ufiċċjalment infurmat illi fit-2 ta' Mejju, 2022, il-Prim Ministru Dr. Robert Abela approva r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku bħala uffiċċjal pubbliku lis-Sur Marico Sammut. Data ta' bidu ta' impjieg tiegħu 25 ta' Mejju, 2022.
  Il-Kunsill approva l-ħatra tiegħu nem.con.

  L-Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv, is-Sinj.Elke Sghendo bagħtet ir-riżenja konsegwenza tal-ħatra ta' Seg. Eżekuttiv ġdid.

  F'isem il-Kunsill, is-Sindku awgura lis-Sur Marico Sammut għall-ħatra tiegħu. Irringrazzja lill-Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv, Sinj. Elke Sghendo għall-ħidma kbira li wettqet u għaliex kienet strumentali biex il-Kunsill ma kkrollax kompletament. Apprezza l-fatt, li ddedikat siegħat twal ta' ħidma fejn ma kienx possibbli li tieħu minuta waħda leave.

  Is-sinj. Elke Sghendo esprimit ir-ringrazzjament tagħha għall-koperazzjoni sħiħa li sabet, fejn elenkat fil-qasir il-ħidma li twettqet. Bħala turija ta' ringrazzjament u apprezzament lejn il-Kunsill u l-lokalita se tħawwel siġra. Anness l-*Exit letter* bħala Dok B.

- **Rikjesta - Northpoint Leisure Limited**

  Il-kumpanija Northpoint Leisure Limited ressqet rikjesta biex għal finali tac-Champions League tas-Sibt 28 ta' Mejju 2022, tarma *big screen* mal-kolonni fil-pjazza ta' Bugibba u biex fil-31 ta' Mejju 2022 tarma bar fil-pjazza għal-party ta' Lost & Found.

Dwar l-iscreen, il-Kunsill approva bil-kundizzjoni li dan jintrama u jiżżarma fl-istess jum. Rigward l-armar ta' bar fil-pjazza ta' Buġibba, il-Kunsill approva bil-kundizzjonijiet tas-soltu, fosthom li l-post jitnaddaf b'mod immedjat u li fiż-żewġ okkażżjonijiet il-Kunsill ikun kopert minn kull risponsabilita ta' xi nċident.

- **PA/08024/18 – Kostruzzjoni ta' Supermarket fi Triq is-Sardin, Burmarrad**
  L-Awtorita ta' l-Ippjanar, permezz ta' email datata 20 ta' Mejju 2022, infurmat li l-applikazzjoni għall-bini ta' supermarket ġiet irtirata.

- **Northern Regional Health Hub**
  Is-Sindku nforma, li meta ġie konxju bil-pjan li n-Northern Regional Health Hub jinbena fi Triq il-Maskli ma Triq il-Port Ruman, il-Qawra, huwa għamel kuntatt mal-Fondazzjoni għas-Servizzi Mediċi (FMS) biex tinżamm laqgħa ta'informazzjoni magħhom. Inżammu 3 laqgħat, li għalihom attendew is-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Aġent Deputat Seg.Eżekuttiv.

  Il-Kunsill ġie ppreżentat bi pjanti ta' kif huwa mistenni li jinbena l-Hub, misluta mis-sejħa pubblika "Tender for the Provision of a Transport Impact Assessment for the Construction of the New Northern Regional Health Hub". Ħareġ, li mhedda ta' art ċirka ta'10,000 $m^2$ se tintuża, b'parkeġġ taħt l-art li jesa 800 vettura u li 2/3 mill-art se tibqa mhux mibnija.

  FMS aċċettaw li jgħatu l-għajnuna u s-sapport tagħhom sabiex isiru pjanti mibnija fuq id-dokument ta' proposta tal-Kunsill, datat 2003, dwar il-proġett ta' l-art li tinsab bejn l-iskola tal-Qawra u l-art indikata li fuqa msemmi li jinbena n-Northern Regional Hub.

- **Triq quddiem iz-zuntier - Burmarrad**
  L-Avukat Dr Ray Zammit informa lill-Kunsill, għan-nom tal-Provinċja u l-Patrijiet Franġiskani Minuri Konventwali, illi t-triq li tifred iz-zuntier milll-ġnien f'Burmarrad hija propjeta tal-knisja u li għaliha għandhom provi dokumentati. Din l-ittra waslet, wara li l-Kunsill bagħat lill-ħaddiema tiegħu jressqu l-bollards li tqegħdu mill-patrijiet u dwarhom daħal ilment dwar nuqqas ta' aċċessibilita' għall-ġnien pubbliku.

- **Cir SPI/SCI/1/22 Skema Finanzjarjament għal żvilupp u titjib ta' Playing Fields.**
  Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni biex il-Kunsill japprova li tiddaħħal applikazzjoni għal lis-skema ta' titjib ta' playing fields ta' Burmarrad. Il-massimu ta' din l-iskema huwa ta' €45,000.
  Il-mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Alfred Bray.
  Il-Kunsill approva nem.con

**45.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Il-Kunsillier Christopher Vella Petroni staqsa

1. Tista' tgħidli meta ir-railings tal-promenade ta' Buġibba ħa jerġaw jitwaħħlu f'posthom u jista dan ix-xogħol jibda issir qabel mhux meta jkun se jibda is-sajf?

   **<u>Risposta</u>**: Il-Kunsill huwa nfurmat, li r-railing kien ippjanat li jitqiegħed lura f'postu sal-21 ta' Mejju 2022 u li xogħolijiet simili huma *on going* is-sena kollha.

2. L-art fejn kien hemm il-Mini Golf li qiegħda Buġibba...hemm xi risposta dwara jekk taqax taħt it-tmexxija tal-Kunsill jew tal-privat?

**Risposta**: L-ebda risposta ma daħlet il-Kunsill u għaldaqstant se jintbagħt *reminder*.

3. Nistaw nibdew naħsbu li f'certu toroq ikun hemm parking għal residenti biss kif għamlu lokalitajiet oħra?

   **Risposta**: Kif ġie ndikat diversi drabi, l-ebda applikazzjoni għall-parkeġġ riservat għar-residenti ma qed tiġi aċċettata.

### 45.6 Rapporti / jew Approvazzjonijiet ta' Rapport

Is-Sindku Alfred Grima talab sospenzjoni ta' l-Aġenda biex item 45.6 jiġi diskuss kif tkun preżenti l-accountant tal-Kunsill.

Issekondat il-mozzjoni il-Kunsilliera Antoinette Bezzina.
Il-Kunsill approva nem.con

***45.6.1 Quarterly Financial Report** – Perjodu 1/01/2022 – 31/03/2022*
Is-Sindku Alfred Grima stieden lil accountant tal-Kunsill, is-Sinj.R.Perici Ferrante biex tispjega u twieġeb għal xi domandi mill-Kunsilliera.

Fi stqarrija huwa qal, li jiddispjaċiħ jinforma, li konsegwenza tal-mandat li għandu kontriħ il-Kunsill dwar il-każ ta' Ta Fra Ben li seħħ fl-2011, il-Kunsill mhux jitħalla jiftaħ kont bankarju mal-bank APS. Dan qed iwassal għal ħlasijiet ta' tariffi li jleħqu eluf ta' Euro fis-sena.
Ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-rapport finanzjarju għal ewwel kwart tas-sena 2022. Il-Kunsillier Anne Fenech issekondat l-mozzjoni.

Il-Kunsill approva nem.con.

### 45.7 Performance Bonus Ex Segretarju Eżekuttiv

Il-Kunsillier Anthony Delia ippropona bonus massimu ta' 10%.
Il-Kunsillier Anne Fenech issekondat il-mozzjoni. Ittieħed vot:

Favur 11
Kontra 0
Astensjoni 1

Il-mozzjoni ġiet approvata.

### 45.8 Uffiċċju Amministrattiv

Is-Sindku nforma, li fit-13 ta' Ġunju 2022, huwa għandu laqgħa mac-CEO ta' l-Awtorita ta' l-Artijiet. Ħuwa jassumi li fil-laqgħa tigi ppreżentata pjanta lill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar, bħala s-sit propost mill-istess Awtorita ta' l-Artijiet biex fuqa jinbena Ċentu Ċiviku.

Minħabba, li l-kuntratt tal-kera ta' l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill jiskadi fil-31 ta' Lulju 2025, is-Sindku Alfred Grima talab lill-Kunsill biex japprova li jinfetħu diskussjonijiet mas-

sid biex possibilment jiġġeded il-kuntratt eżistenti u dan sa kemm jinbena u jitlesta l-uffiċċju amministrattiv.

Il-Kunsillier Anthony Delia issekonda l-mozzjoni.
Il-Kunsill approva nem.con.

## 45.9 Reġjun Tramuntana

**Ħruġ ta' sejħa pubblika ġbir ta' skart**
Inħarġet is-sejħa pubblika għall-ġbir ta' skart bieb bieb mir-Reġjuni. Filkas ta' San Pawl il-Baħar kien ir-Reġjun Tramuntana li ħareġ is-sejħa pubblika. Is-Sindku qal li huwa xettiku ferm dwar il-ħruġ u s-suċċess ta' dan it-tender, li fl-opinjoni tiegħu tnaqqas l-awtonomija tal-Kunsill filwaqt li żżied l-burokrazija.

**Ħruġ ta' sejħiet pubbliċa konnessi ma l-infrastruttura u ma soft areas u landscaping**
Il-Kunsill qabel mal-proposta li r-Reġjun Tramuntana joħroġ sejħa pubblika għal xogħolijiet infrastrutturali u għal xogħolijiet relatati ma soft areas u landscaping.

Sekondant: il-Kunsillier Mario Salerno issekonda l-mozzjoni.
Il-Kunsill approva nem.con

Ntalbet sospenzjoni sabiex jinqara ir-rapport finanzjarju għal-l-ewwel kwart tas-sena Dok A.
Sekondant il-Kunsillier Darly Conner.
Il-Kunsill approva nem.con

## 45.10 Sħab Soċjali

Is-Sindku Alfred Grima informa li fil-11 ta' Mejju 2022, flimkien ma l-Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv, żamm laqgħa ta' informazzjoni mas-sħab soċjali li joffru s-servizzi tagħhom fil-lokalita. Din il-laqgħa ssejħet fid-dawl ta' ittra li s-sħab soċjali, inkluż ir-rappreżentant tal-Kunsill, il-Kunsillier Anthony Delia, għandhom il-ħsieb li jibgħatu lill-Prim Ministru. Fost diversi punti, l-ittra tagħmel enfasi dwar il-ħtieġa ta' spazi miftuħa, l-art tal-Qawra bejn l-iskola u l-parkeġġ eżistenti u tissuġġerixxi li jitwaqqaf Kumitat Interministerjali. Fil-laqgħa, ingħatat informazzjoni dettaljata tal-proġetti kollha tal-Kunsill kif ukoll dawk li huma ppjanati li jsiru mill-MTA u FMS.

Il-Kunsill huwa tal-fehma, li s-sħab soċjali jiġu mistiedna jipposponu bi ftit ġimgħat milli jibgħatu l-ittra tagħhom lill-Prim Ministru biex hekk jistennew l-esodu tal-pjanti li FMS qed tħejji għall-Kunsill. B'hekk ikunu f'pożizzjoni aħjar li jiddeċiedu jekk ikunx ta' benefiċċju aktar għall-lokalita li jappoġġoġjaw dak propost jew le.

Sekondant il-Kunsillier Stephen Cremona issekonda l-mozzjoni.
Il-Kunsill approva nem.con

## 45.11 Attivitajiet

### *45.11.1 The Malta International Folklore Festival*

Il-Kunsill approva li jinżamm *The Malta International Folklore Festival* fil-pjazza ta' Buġibba nhar 23 ta' Settembru 2022

Sekondant il-Kunsillier Stephen Cremona issekonda l-mozzjoni.
Il-Kunsill approva nem.con.

### *45.11.2 Karnival tas-Sajf*

Fit-13 ta' Mejju 2022, il-Kunsill ġie nfurmat li għal din is-sena l-attivitajiet tal-Karnival tas-Sajf mhux se jiġu mtella minn Festivals Malta minħabba li se jinżamm darbtejn fi Frar u f'Mejju, 2022 fill-Belt Valletta.

Għaldaqstant il-Bord ta' l-Attivitajiet ippropona li possibilment il-Karnival tas-Sajf f'Buġibba isir xorta għas-spejjez tal-Kunsill. Dati proposti s-Sibt u l-Ħadd 27 u 28 ta' Awwissu 2022.

Sekondant il-Viċi Sindku Carlos Zarb issekonda l-mozzjoni.
Il-Kunsill approva nem.con dawn l-attivitajiet.

### *45.11.3 Attivitajiet Sportivi*

Il-Viċi Sindku nforma li wara laqgħa li nżammet mal-kumitat tal-klabb tal-Bognor dawn qablu li jagħmlu għad-dispożizzjoni tal-Kunsill il-court tal-baskitbol għan-numru ta' siegħat fil-ġimgħa bil-Kunsill jagħmel tajjeb finanzjarjament għal xi spejjeż relatati maż-żamma tal-court.

Dwar ħlassijiet ta'l-instructors, il-Kunsill ġie nfurmat li wara l-laqgħa li nżammet mis-Sindku u l-Viċi Sindku mal-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Sport dan aċċetta li jgħin bl-aħjar mod fil-ħlas tal-miżati tagħhom.

Sekondant il-Kunsillier Anthony Bray issekonda l-mozzjoni.
Il-Kunsill approva nem.con dawn l-attivitajiet.

## 45.12 Applikazzjonijiet ma l-Awtorita ta' l-Ippjanar

Ma tressqu l-ebda applikazzjoni ghad-diskussjoni.

## 45.13 Affarijiet Oħra

### 45.13.1 Riżoluzzjoni Bankarja servizz 24X7 –

Is-Sindku Alfred Grima ressaq riżoluzzjoni li taħseb biex il-limitu massimu ta' €25,000 kuljum fi ħlasijiet jiżdied għal €50,000. Dan huwa meħtieġ minħabba li żdid l-ammont ta'lis-skeda ta' ħlasijiet. Il-perjodu għal dan il-limitu jibda mill-25 ta' Mejju 2022 sa l-aħħar ta' Diċembru 2024.

Il-Viċi Sindku Carlos Zarb issekonda l-mozzjoni.
Il-Kunsill approva nem.con

### 45.13.2 Ftuħ Uffiċċjali ta' Ġnien il-Millenju

B'rispett lejn dak li ġie deċiż mill-Kunsill fil-laqgħa 42 tas-26 ta' April 2022, dwar il-ftuħ mill-ġdid tal-Ġnien il-Millenju, il-Kunsill approva massimu ta' €6,000 biex jagħmlu tajjeb għad-diversi servizzi meħtieġa.

Il-Kunsillier Stephen Cremona issekonda l-mozzjoni.
Il-Kunsill approva nem.con

## 45.14 Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta' oġġetti/serviżż

### *45.14.1 RfQ - Xiri ta' servizz marbut ma tpinġija fuq il-ħitan (Murals)*

Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill kwotazzjoniji għal xiri ta' servizz marbut ma tpinġija fuq il-ħitan (murals) fi Ġnien il-Millenju skond dak li ġie deċiż mill-Kunsill fil-laqgħa 32 tas-17 ta' Ġunju 2021. Prezz ta' €2,250 Vat Exempt

Kunsillier Anthony Delia issekonda l-mozzjoni.
Il-Kunsill approva nem.con.

### *45.14.2 RfQ - Xiri ta' pocket ashtrays*

Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill kwotazzjonijiet għal xiri ta' Pocket Ashtray skond dak li ġie deċiż mill-Kunsill fil-laqgħa 32 tas-17 ta' Ġunju 2021.
Se jinxtraw 1350 il-*pocket ashtray* għal prezz ta' €1,983.28 + Vat

Il-Kunsillier Anne Fenech issekondat il-mozzjoni.
Il-Kunsill approva nem.con.

### *45.14.3 Xiri ta' servizz addizzjonali ta' ġbir ta' skart*

Il-Kunsill jeħtieġ servizz addizzjonali ta'ġbir ta' skart fl-inħawi ta' bejn il-boat ouses ta' Ta Fra Ben u triq ix-Xtut bħas-snin preċidenti.
Il-Kunsill approva ħlas ta' 85 Euro + VAT għal kull ġabra, tlett darbiet fil-ġimgħa.

Il-mozzjoni ġiet imressqa mis-Sindku Alfred Grima u ssekondata mill-Kunsillier Chris Vella Petroni .
Il-Kunsill approva nem.con.

***45.14.4 Xiri ta' servizz addizzjonali ta' knis***

Tinħass il-ħtieġa li l-Kunsill jixtri servizz addizzjonali ta'knies fil-lokalita għax-xhur ta' bejn Ġunju u Ottubru 2022. Għaldaqstant, il-Kunsill approva ħlas ta' €7,960 + VAT kull xhar, għal servizz addizzjonali ta' 6 kenniesa 40 siegħa fil-Ġimgħa.

Il-mozzjoni ġiet imressqa mis-Sindku Alfred Grima u ssekondata mill-Kunsillier Chris Vella Petroni .
Il-Kunsill approva nem.con.

*Il-Viċi Sindku Carlos Zarb skuza ruħu għax-kellu joħroġ mil-laqgħa 19:26*

***45.14.5 RfQ - Xiri ta'siġar taż-Żnuber – Triq il-Mosta***

Is-Sindku Alfred Grima ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill xiri ta'siġar taż-Żnuber biex jitħawlu fic-centre strip Triq il-Mosta, bejn Triq Feliċ Sammut u Triq il-Kaħli.

Il-mozzjoni ġiet ssekondata mill-Kunsillier Alfred Bray.
Il-Kunsill approva nem.con.

***45.14.6 RfQ - Bulky APP***
Il-Kunsill approva ħlas ta' darba ta' €186 + Vat biex tissaħħaħ l-Bulky App.

Il-mozzjoni ġiet u ssekondata mill-Kunsilliera Anne Marie Fenech.
Il-Kunsill approva nem.con.

***45.14.7 RfQ - Xiri ta'***servizz addizzjonali ta' tindif – Attivita' Lost & Found
Il-Kunsill qabel li jinxtara servizz addizzjonali ta'tindif bi stima ta' €1,100 +Vat għal waqt l-attivitajiet tal-Lost & Found.

Il-mozzjoni ġiet u ssekondata mill-Kunsillier Mario Salerno.
Il-Kunsill approva nem.con.

***45.14.8 RfQ - Xiri ta'servizz ta' Binding tal- minuti tal-Kunsill***
Is-Sindku Alfred Grima ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill xiri ta'servizz ta' binding tal- minuti tal-Kunsill

Il-mozzjoni ġiet u ssekondata mill-Kunsillier Alfred Bray.
Il-Kunsill approva nem.con.

**45.15 Approvazzjoni ta' l-Iskeda tal-pagamenti**

Il-Kunsillier Alfred Bray ippropona li l-iskeda tiġi approvata.
Issekonda l-mozzjoni l-Kunsillier Christ Vella Petroni

L-iskeda tal-pagamenti ġiet approvata kif tressqet nem.con.

**45.16 ġġornament għall-laqgħa li jmiss**
Il-laqgħa ġiet fi tmiema fit-19:55 u aġġornata għal 21 ta' Ġunju 2022 fil-5.30pm

**Approvati fil-21 ta' Gunju, 2022**

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Alfred Grima | Marico Sammut |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |